# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**ONOR. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A., LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 15**

**Avviz Nru. 939/98 SM**

**John Cardona**

**vs**

**Pio Bugeja**

**Is-sentenza appellata**

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Dicembru, tas-sena 2000, ippronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza li fiha l-attur qed jirreklama danni minnu sofferti fil-karozza tieghu bhala konsegwenza ta' incident stradali li fih kien involut il-konvenut.

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma ta' tmien mija u disa' u erbghin lira, (LM849.00,0), jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominadi, rappresentanti spejjes u danni sofferti fil-vettura tal-attur Cardona, bin-numru L-7160 (M), liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizjoni li kellu mal-imsemmija vettura fis-26 ta' Dicembru, 1993, fix-Xemxija meta kien qed isuq il-vettura V-8125 (M), stante li hu unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

2. Bl-imghax legali millum u bl-ispejjes inkluzi tal-ittri ufficcjali tad-19 ta' Ottubru, 1995 kif ukoll tas-17 ta' Ottubru, 1997, ta' LM10 ghall-konsult u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-presenti kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi ghall-incident in kwistjoni l-eccipjenti ma kellu l-ebda tort;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh fis-26 ta' Dicembru ta' l-1993 fit-telgha ta' Selmun, ix-Xemxija, ghall-habta ta' l-4.45 p.m.;

2. Illi l-vetturi involuti kienu dik tal-marka Mitsubishi Lancer bin-numru ta' registrazzjoni V-8125 misjuqa mill-konvenut Pio Bugeja u dik tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni L-7160 misjuqa mill-attur John Cardona;

3. Illi l-incident de quo sehh meta l-attur indikat fil-paragrafu precedenti kien tiela mit-trejqa li tati mill-bajja tal-Mistra ghat-triq principali u baqa' diehel fil-konvenut;

   Ikkonsidrat:

   Illi din it-triq zghira li mill-bajja fuq imsemmija tati ghat-triq principali hi wahda sekondarja u qabel ma utent johrog minnha ghal go l-imsemmija triq principali ghandu juza dik il-prudenza necessarja biex ma jkunx ta' perikolu ghalih jew ghall-haddiehor;

   Illi rrizulta li l-attur ma ezercitax din il-prudenza meta hareg minn din it-triq sekondarja ghal got-triq principali u ghalhekk kien unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;

   Ghaldaqstant din il-qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza f'kawza fejn il-fatti ma huma bl-ebda mod kontestati, u li huma semplici. John Cassar kien qieghed isuq il-vettura proprjeta' ta' l-attur fil-hin ta' l-incident, bin-numru L-7160. Kien tiela' mit-triq illi taghti ghall-bajja tal-Mistra, bil-hsieb li jitla' lejn il-Mellieha. Hekk kif hareg mill-istess triq ghal fuq it-telgha ta' Selmun biex jitla' lejn il-Mellieha, u dana billi kiser lejn il-lemin tieghu u qasam ghan-naha l-ohra tat-triq, sab lill-vettura V-8125 misjuqa mill-konvenut kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk sehhet il-kollizzjoni. L-ewwel Qorti rriteniet li l-htija ghas-sinistru kellha tigi akkollata kollha kemm hi "lill-attur" (fil-verita' ma kienx l-attur li kien qieghed isuq il-vettura tieghu imma kien certu John Cassar li ma kienx parti fil-kawza ghax ma sofra l-ebda hsara personalment) billi dan kien naqas milli juza

dik il-prudenza necessarja qabel ma hareg minn triq sekondarja ghal fuq wahda principali  u bla allura ma kien ha l-prekawzjonijiet mehtiega biex b'hekk ma jkunx ta' perikolu ghalih jew ghal haddiehor.

Din il-Qorti ezaminat sewwa l-atti tal-kawza u ssib li s-sentenza appellata, ghalkemm xotta xotta, in sintesi taghmel apprezzament korrett tar-responsabilitajiet taz-zewg drivers involuti fl-incident u konsegwentement waslet ghal konkluzzjoni gusta.

L-appellant, fl-aggravju tieghu jilmenta l-ewwel li l-attur ma seta' qatt jinstab responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi huwa ma kienx qieghed isuq il-vettura u kellu allura se mai jinstab responsabbli ghalih Cassar, li, kif inghad, ma kienx parti fil-kawza.  Dan l-aggravju hu teknikament korrett pero' ghall-fini ta' responsabilita u tal-mertu tal-kawza ma jaghmel assolutament l-ebda differenza billi l-Qorti bl-ebda mod  ma kellha quddiemha xi kontro-talba tal-konvenut biex l-attur jaghmel tajjeb ghad-danni minnu subiti  bhala konsegwenza ta' l-incident.  Kien biss f'dan il-kaz li dan il-lapsus ta' l-ewwel Qorti seta' kien rilevanti ghaliex kien ifisser li l-attur jigikundannat biex ihallas danni li ghalihom hu ma kienx responsabbli, in kwantu ma kienx qieghed isuq il-vettura li habtet mal-konvenut.   Dan jirrizulta pacifiku.

It-tieni aggravju fil-mertu huwa essenzjalment bazat fuq is-sottomissjoni li l-ewwel Qorti injorat kompletament il-fatt illi l-incident in ezami sehh meta l-appellat, u cioe' il-konvenut, kien qieghed isuq fuq in-naha opposta tat-triq. Dan kien jidher car mill-isketch preparat mill-Pulizija, li jirrizulta skalat u ma gie bl-ebda mod kontestat mill-kontendenti. Dan l-iskizz infatti flimkien ma numru ta' ritratti esebiti mill-attur li jaghtu stampa cara tal-lokalita' fejn sehh l-incident kienu wahedhom jipprovdu prova determinanti biex tistabilixxi r-responsabilita' ghalih. Ma jhallu l-ebda dubju, u dan ma jista' bl-ebda mod jigi kontestat, illi t-tela' ta' Selmun kienet triq principali fil-konfront tat-trejqa li taghti ghall-Mistra mnejn kien hiereg id-driver tal-vettura ta' l-attur appellant. Hi infatti arterja principali li tghaqqad lil Ghawdex u t-tramuntana ta' Malta mal-kumplament tal-pajjiz. Ghalkemm fl-ahjar ipotesi ghall-attur, u biss teknikament, li wiehed seta' b'xi mod juza ghal-lokalita' d-deskrizzjoni ta' "junction", dan it-terminu bl-ebda mod ma jirrifletti r-responsabilitajiet tas-sewwieqa fl-incident de quo. Min ikun qed isuq f'Xemxija Hill certament ma kienx mistenni li b'xi mod jaghti wisq attenzjoni lejn it-traffiku li kien hiereg minn trejqiet li jaghtu ghal fuqha, jew iwasslu ghall-bajja tal-Mistra, hlief ghal dik l-attenzjoni minima li l-prudenza kienet tissuggerixxi lil kull driver li jsuq fi kwalsiasi lokalita'. Dan ghaliex l-utenti tat-telgha ta' Selmun kellhom kull dritt jippretendu illi hadd ma jazzarda jirfes minn dawn it-trejqiet fuq kull naha tat-triq li b'xi mod seta' ifixkilhom fis-sewqan taghhom. Il-prudenza kollha li kellha tigi assigurata minn

min ried johrog ghal fuq din l-arterja principali, u dawn kellhom jassiguraw ruhhom b'certezza assoluta li ser jaghmlu l-manuvri li riedu jaghmlu, appena jirfsu fuq din it-triq principali li sigurta' kompleta u minghajr ma b'xi mod, ifixklu lil min ikun niezel mill-Mellieha lejn San Pawl jew tiela' fid-direzzjoni opposta.

Fil-kaz imbaghad tas-sewwieq tal-vettura ta' l-attur, dan kellu l-obbligu li juza l-prudenza massima billi jidher li kie intenzjonat jaghmel manuvra perikoluza, u cioe' mhux biss li jirfes it-trejqa mnejn kien hiereg ghal fuq it-telgha ta' Selmun, imma wkoll illi jitla' lejn il-Mellieha. Dan kien jinvolvi li jikser lejn il-lemin tieghu, u allura jittraverza dik il-parti tal-karreggjata rizervata ghal traffiku niezel lejn San Pawl u jmur in-naha l-ohra tat-triq biex isegwi t-traffiku sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieha.

Jidher infatti li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sar fil-mument meta l-vettura ta' l-attur kienet kwazi ttraversat kompletament nofs il-karreggjat ta' Xemxija Hill u kienet waslet biex tibda tiddritta ghal fuq in-nofs l-iehor tal-karreggjata b'mod li allura l-incident jista' jinghad li sehh kwazi ghal kollox fuq in-naha l-hazina tat-triq tal-vetturi li, bhall-konvenut, kienu nezlin lejn San Pawl-il Bahar.

L-iskizz juri b'mod car li

(a) hu minnu li l-incident gara meta l-konvenut kien qieghed isuq wrong side fir-rigward tat-triq tieghu;

(b) li mhux minnu li Cassar kien kompletament lahaq ha posizzjoni f'dik il-parti tal-karreggjata li taghti ghall-Mellieha;

(c) fuq dan il-punt l-istess attur jidher ambivalenti ghaliex fil-waqt li jsostni li l-car tieghu, misjuqa minn Cassar, kienet diga' lahqet dahlet fil-karreggjata opposta, jammetti li kienet biss "kwazi ddrittat ghal kollox meta sehhet il-kollizzjoni";

(d) mhux preciz li jinghad illi l-kollizzjoni kienet wahda frontali.

L-iskizz juri li l-hsarat fuq iz-zewg vetturi kienu fuq il-pinna fil-mudguard tal-lemin tal-karozza ta' l-attur angolata lejn il-lemin mal-fanal ta' quddiem in-naha tax-xellug tal-konvenut. L-attur isostni li Cassar ma seta' qatt janticipa li kien ser isib il-vettura tal-konvenut niezla fuq il-karreggjata opposta tat-triq u li hu kien ikkalkola tajjeb il-manuvra tieghu, tant li kien irnexxielu jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq minghajr ma habat ma' l-ebda vettua li kienet niezla fuq il-karreggjata t-tajba taghha. Hu allura jikkwalifika lill-appellat bhala *main road abuser* ghaliex kien traskurat ghal kollox fis-sewqan tieghu billi kien qieghed jaffettwa manuvra ta' sorpass f'*road junction* u li biex jaghmel dan, huwa

kellu jaqsam ghall-karreggjata opposta tat-triq. Isostni li l-kawza prossima ta' l-incident kienet l-agir traskurat, negligenti, perikoluz u kontra r-regolamenti tat-traffiku ta' l-appellat li kkreja emergenza lil Cassar li kien qieghed jaghmel manuvra regolari ben kalkolata. Dan l-aggravju, fil-fehma tal-Qorti, seta' f'cirkostanzi ohra ikun sostnut ghaliex kellu jkun pacifiku illi l-fatt biss li wiehed ikun qed isuq fi triq principali ma kienx, dejjem u f'kull kaz, jeskludih minn kull responsabilita'. Jibqa' pero' ferm il-principju li kienet fuq kollox il-konfigurazzjoni tal-lokalita' illi tiddetermina r-responsabilitajiet tal-*main road user* u tas-*side road user* u l-grad ta' attenzjoni li kull wiehed minnhom kellu jiddedika fir-rigward tas-sewqan tas-sewwieq l-iehor.

Fil-kaz taht ezami dan il-grad ta' attenzjoni li jinkombi fis-side road user hu wiehed massimu, tant li jekk wiehed japplika r-regolamenti li kienu jirregolaw is-sewqan tal-konvenut u ta' John Cassar, wiehed ma jistax ma jasalx ghall-istess konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, dik cioe' li r-responsabilita' shiha ta' l-incident kellha tigi akkollata lill-istess Cassar. Jigu indikati biss is-segwenti kostatazzjonijiet li jillustraw din ir-responsabilita':

a) Cassar kellu l-obbligu ovvju li jieqaf zoptu fil-bokka tat-trejqa mnejn kien hiereg biex jesplora t-triq. Dan jidher li ghamlu. Kellu pero' ukoll l-obbligu sagrosant li jesplora t-telgha ta' Selmun kollha u <u>fiz-zewg</u>

direzzjonijiet. Dan jidher li ma ghamlux jew, jekk ghamlu, m'ghamlux sewwa. Tant hu hekk li, ex admissis, lill-konvenut ma rahx.

b) Cassar kellu mhux biss l-obbligu li jhares, imma li jhares sewwa. Issa jidher li certament hu hares fid-direzzjoni mnejn kien niezel i-konvenut lejn San Pawl-il Bahar. Tant hu hekk li hu jinsisti li kien lahaq ittraversa n-nofs tal-karreggjata tat-telgha ta' Selmun li taghti ghal dik id-direzzjoni, pero' kjarament ma kienx estenda l-vizwali, u allura l-esplorazzjoni tieghu, ghall-arterja principali kollha ghax kieku hekk ghamel kien jirrealizza bil-prezenza tal-konvenut. Cassar certament la kellu d-dritt li jaghzel f'liema parti tat-triq ihares meta qed jaghmel dan propju biex jesplora f'liema mument kellu jaghmel il-manuvra perikoluza li kien intenzjonat li jaghmel, u li kienet tinvolvi l-qasma tat-traettorja tat-traffiku miexi fiz-zewg direzzjonijiet fuq Xemxija Hill u lanqas kellu dritt jippretendi li jesigi li l-konvenut ma jaghmilx jew ma jkunx qed jaghmel sorpass anke jekk fuq il-parti l-hazina tat-triq fejn fil-fatt kien qed jaghmlu. Hu notat li l-vizwali ta' Cassar, mnejn kien hiereg, kienet wahda tajba u fit-tul. Fatt dan li jkompli jissottolineja n-nuqqas ta' *proper lookout* illi zamm Cassar qabel, waqt u sakemm kwazi temm il-manuvra tieghu.

c) Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-attur, ma kien hemm xejn irregolari fil-manuvra ta' sorpass li kien qieghed jaghmel il-konvenut fil-

mument meta sab lil Cassar ma' wiccu. Apparti l-principju li sakemm ma jkunx hemm double white line li kien timpedixxi tali manuvra utent tat-triq kellu, bhala regola, id-dritt li juza kull parti taghha, sakemm seta' hekk jaghmel, bla periklu ghal traffiku iehor – f'dan il-kaz gej mid-direzzjoni opposta – kellu jigi sottolinejat illi f'dan il-kaz il-konvenut ma setghax jinghad li kien marbut bir-regola li ma jissorpassax fil-vicinanza ta' *road junction* proprju ghaliex kif inghad, it-trejqa mnejn kien hiereg Cassar ma setghetx tigi hekk kwalifikata, ghall-fini ta' l-apprezzament ta' responsabilitajiet taz-zewg sewwieqa involuti fl-incident. Kien fuq kollox l-oneru ta' Cassar li jassigura ruhu li t-triq principali kienet ghal kollox hielsa minn kull traffiku qabel jazzarda jirfes fuq arterja bhal ma kienet Xemxija Hill. Kien hu li qabel xejn kellu jzomm *a proper lookout* qabel jazzarda jaghmel manuvra li kienet ghal kollox ta' riskju tieghu. Il-fatt li dan *ex admissis* m'ghamlux jew m'ghamlux sewwa jghabbih inevitabilment bir-responsabilita' shiha tas-sinistru.

Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti, ma tarax, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, xi kontributorjeta' fis-sewqan tal-konvenut li jirrizulta li kien wiehed regolari, in kwantu hu kien qieghed fi process ta' manuvra ta' sorpass legittima li jirrizulta li seta' jaghmel b'mod prudenti in kwantu traffiku gej mid-direzzjoni opposta tieghu ma jidhirx li kien hemm. Dan kif ikkonferma wkoll l-istess Cassar. Zgur li fil-konfront ta' dan Cassar il-

konvenut ma  setghax jinghad li naqas fl-osservanza ta' xi regolament. L-aggravju jirrizulta allura infondat.

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mm